MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Numru 585/2003

Il-Pulizija
(Sp Yvette Farrugia)
vs
Jason Degabriele, iben Emanuel,
imwieled Pieta' fl-10 ta'
diċembru, 1979
u
Raphael Borg, iben Joseph,
imwieled Pieta' fit-3 ta'
lulju, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fit-2 ta' mejju, 2003 għal ħabta ta' nofs il-lejl, ġewwa Triq Hompesch, Fgura volontarjament ħassartu, għamiltu ħsara jew għarraqtu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli

jew immobbli, u cioe' għad-dannu ta' Christine Simiana liema ħsara teċċedi il-ħames mitt liri maltin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbejtu għal Christine Simiana u ikkaġunajtulha feriti ta' natura ħafifa skond kif iċċertifika Dr. Ian Gauci M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ksirtu l-paċi pubblika u il-bonordni b'għajjat, storbju, ġlied jew mod ieħor.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' novembru, 2003 fejn Christine Simiana nfurmat il-Qorti li l-imputati ħallsu s-somma ta' Lm531 danni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' novembru, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikoli 221(1), 325(1)(a) u 338(m)(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas multa ta' mitt liri maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------